# Mill-ekonomija tal-ktieb għall-politika tal-bieb



## EDWARD SCICLUNA dwar il-baġit u l-kriżi politika

Julia Farrugia
jfarrugia@mediatoday.com.mt

Filwaqt li jibbrilla fl-argument tekniku u ekonomiku, għadu jsibha diffiċli jikkummenta fuq suġġetti li jinvolvu battibekki politiċi fil-partit oppost.

Anke jekk il-Professur Edward Scicluna hu wieħed mill-kandidati ewlenin li qed jimbotta l-Partit Laburista għall-elezzjoni ġenerali li jmiss iħossu skomdu quddiem il-mistoqsija: "Kemm hu serju dak li ġara fil-Partit Nazzjonalista lbieraħ (il-Ħamis)?" meta tliet deputati ġew ċensurati.

Silenzju. U numru ta' sekondi li jinħassu twal ħafna għal intervista jwieġeb lura:

"Insibha diffiċli biex niddeskriviha ngħidlek il-verità.

"M'iniex fil-qalba tiegħu, għall-inqas jien mentalment aktar jimpurtani minn issues aktar importanti." Jieqaf u jikkoreġi lilu nnifsu.

"Huma importanti però kif naqbad ngħid anke fi grupp tagħna fil-Parlament Ewropew kif ukoll hawn Malta fejn xi ħaġa bħal din hawn min jaf jikolha bil-ħobż u jifhem fiha u jaf jilgħab din il-logħba. U hemm min iħalliha għal ħaddieħor, inħoss li jien għandi ħafna aktar affarijiet oħra fuq xiex nikkonċentra. Ma jfissirx iżda li dan il-ġlied fil-PN qed ninjorah."

Edward Scicluna iżda jargumenta li din is-sitwazzjoni ma tagħmilx ġid għal pajjiżna.

"Mil-lat demokratiku ovvja jimpurtak. Il-Gvern hu aljenat 100% fuq affarijiet li ma jikkonċernawx il-futur tal-familja Maltija. Din tikkonċernani ħafna. Iżda mhux minn dak il-lat ta' min se jqassam il-ballun u ta' min se jiskorja. Il-fatt hu li l-plejers lanqas mhuma għajnejhom iffukati fuq il-ballun," jinsisti l-Ewro Parlamentari.

Hemm min jargumenta li dan it-taqlib politiku joħloq inċertezza imma dan hu fattur fittizju jew inkella li jista' jitkejjel anke f'termini ekonomiċi?

"Forsi l-kelma inċertezza ġiet over used u kulħadd jinterpretaha kif irid. Jien li qiegħed Brussell qed nara li qed isiru żbalji kbar għaliex sew il-Prim Ministru kif ukoll il-Ministru tal-Finanzi assolutament mhumiex moħħhom hemm u mhux qed jifhmu l-mekkaniżmu l-ġdid li l-Ewropa daħlet fi tmiem is-sena l-oħra, is-Six Pack.

"Jidhru li ma fehmuhx u qed isiru żbalji b'riperkussjonijiet għal quddiem. U dawn huma riperkussjonijiet kbar," jishaq il-Professur Scicluna.

Nitolbu jagħti eżempji.

"Fil-ħajja tal-Gvern m'hemmx ħaġa aktar importanti mill-baġit. Tant hu hekk li jekk ma jkollux maġġoranza, għax issa tgħallimniha, jaqa' l-Gvern. Il-baġit hu l-qalb tal-Gvern biex jaħdem, il-magna. L-Unjoni Ewropea għamlet qafas ġdid ta' kif membru fl-Unjoni Ewropea speċjalment fiż-żona ewro jippreżenta l-baġit tiegħu. Ħoloq ċiklu ġdid minn Jannar sa Ġunju. Il-Gvern irid iħabbru. Ħadd ma tkellem fuqu fil-pajjiż."

Allura l-Gvern teknikament hu obbligat li jippubblika d-dettalji?

"Mistoqsija tajba. Hu qed jimxi biċ-ċiklu l-antik tal-baġit li jitressaq f'Novembru. X'jiġri qabel qisu mhux obbligat. L-Unjoni Ewropea qed tagħmel forecast sew fil-ħarifa kif ukoll fir-rebbiegħa, isir growth survey tal-Unjoni Ewropea kollha u minn hemm jibdew id-direzzjonijiet taż-żona. Titlob lil kull gvern iressaq National Reform Programme. Irid ipoġġi l-qafas tal-baġit lest. F'April ippreżentah. Allura ma tressqux fil-Parlament jew tal-inqas fl-MCESD bħalma jagħmlu f'pajjiżi oħra?

"Lill-Kummissarju Olli Rehn ġbidtlu l-attenzjoni u staqsejt jekk jaċċettax li dokument importanti bħal dan jibqa' moħbi. Qalli li mhux esiġenti imma jixtieqlu li l-Gvernijiet kollha jressquh. Ħares lejn il-Ġermanja u l-Ingilterra daqs kemm hi ewro xettika u xorta tressqu fil-Parlament!"

L-agħar tal-Gvern Malti qed ikun interpretat minn Edward Scicluna bħala "lip service" ta' Gvern li ma jagħtix kas fuq l-affarijiet tal-Unjoni Ewropea.

"Jien dejjem ngħid 'bnadar u stilel' imma meta tasal għall-affarijiet li fihom sustanza jeħel. Dan bħal Kristjaneżmu: mhux li titgħammed biss imma li tgħix. Dan minn hemmhekk mhux qed jurini konvinzjoni."

Nitkellmu dwar is-suġġett kontroversjali tal-pensjonijiet u dwar kif il-Gvern wera li jaqbel ma' rapport li theja mill-Kumitat Nazzjonali li l-età tal-irtirar għandha togħla ma' kemm jgħix il-bniedem. Imma l-Partit Laburista x'pożizzjoni u soluzzjonijiet jara għal din il-bomba tal-ħin?

"Għandek ħafna bibien minn fejn tgħaddi. Mhix konsistenti li titlob lil min għalaq il-65 sena biex jibqa' sena, sentejn, tliet snin oħra jaħdem meta l-istess Gvern qed jitlob lil min m'għalaqx 60 sena biex jirtira u jagħtih rigal.

"Għandna persentaġġ kbir ta' nisa li għadu baxx u li għalkemm qed jiżdied għadu aktar baxx mill-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea. Għandek ukoll l-irġiel ta' bejn il-55 u 60 sena li hi baxxa u għandha togħla. Kif meta ma eżawrixxejtx dawn, trid tgħaddi għal soluzzjoni oħra? Hemm ukoll id-dejn …"

Edward Scicluna jargumenta li min jitkellem biss fuq soluzzjoni li tiġi billi togħla l-età tal-irtirar biss hi "simplistika."

"Għandek formula," u jibda jħażżeż ħames pilastri fuq karta ċkejkna bajda.

"Tista' tirranġa kull waħda minnhom. Żgur li hemm soluzzjoni u din mhux popolista. Però nemmnu li għad hemm ħafna toroq biex issir sostenibbli."

Imma x'tip ta' futur u timeframes qed jara?

"Qed nara li għal 20 sena oħra hemm garanzija li l-età tal-irtirar tal-pensjoni tista' tkun garantita. Hemm affarijiet oħra li jridu jsiru u din mhix se tiġri waħidha," jgħid l-ekonomista.

Imma jista' jserraħ moħħ in-nies li biex Gvern Laburista jżomm din il-wegħda ma jirrikorrix għal miżuri drastiċi oħra? Il-kritika regolari tal-Partit Nazzjonalista hi li l-PL ma jissustanzjax b'eżempji u workings il-wegħdi li jagħmel.

It-tweġiba li tiġi lura għal din il-mistoqsija hi li "hemm fronti oħrajn li jistgħu jiġu ndirizzati mingħajr ma tmiss l-età tal-irtirar."

"Taf kif thossok meta tkun qed tagħmel id-door to door u tara bajjad ta' 50 sena ġej lura mix-xogħol f'temperatura ta' 40 grad Celcius? Jgħidlek: 'Hekk misshom jagħmluli jkomplu jżidu l-età tal-pensjoni!'

"Assolutament titkisser f'dak it-tip ta' xogħol. Min hu qiegħed f'xogħol bilqiegħda storja oħra. Jien ilhaqthom u mhux qed inħossni li rrid nirtira."

Fil-21 ta' Ġunju li għadda Edward Scicluna ħareġ stqarrija fejn ikkummenta dwar l-Air Malta u sostna li l-Kummissarju Almunia qallu li d-dewmien dwar l-għajnuna mwiegħda lill-Air Malta hi tort tan-nuqqas ta' azzjoni mill-Gvern Malti. Iżda ftit wara l-Gvern Malti ħabbar li ntlaħaq ftehim mal-Unjoni Ewropea. Din kienet falza stikka għat-tim Laburist Malti fl-Unjoni Ewropea?

"Le. Il-konversazzjoni li kelli ma' Almunia kienet rekordjata bħala seduta u jinstema' jgħid dak id-diskors. Li nissuspetta hu li l-Gvern ċeda għal xi talbiet li kienu qed isirulu u b'hekk ħareġ jgħid li ntlaħaq qbil."

Edward Scicluna qed ikun meqjus bħala wieħed mill-pilastri li l-Partit Laburista qed iserraħ fuqhom fuq it-tfassil tal-politika fiskali u ekonomika u l-kandidatura tiegħu fl-elezzjoni ġenerali li jmiss kienet meqjusa "akkwist kbir" minn dawk moderati.

Iżda kif jistqarr Scicluna nnifsu "mhix sitwazzjoni faċli li taħdem kampanja elettorali f'Malta u tkompli bil-ħidma barra minn Malta bħala Membru Parlamentari Ewropew.

Bi djarju ppakkjat ifisser li kull nhar ta' Tnejn jaqbad żewġ ajruplani u jasal lura Malta l-Ħamis filgħaxija. Il-ħidma ddur ma' numru ta' rapporti u negozjati li jrid imexxi biex l-ideat tiegħu jkunu aċċettati fl-istrutturi neċessarji.

Jidħol lura mfarrak imma fi kliemu ġġib magħha "sodisfazzjon kbir."

"Imma l-laqgħat ifaqqsu, dik hi l-verità."

U l-Ġimgħa għajjien u mhux trid tmexxi l-laqgħat f'Malta. Apparti li baqa' jagħti l-lectures l-Università ta' Malta. U ma' din il-lista f'dawn l-aħħar xhur żdied ukoll l-ikkampjar politiku biż-żjajjar bieb bieb f'żewġ distretti elettorali.

Ħafna iżda kienu tal-fehma li ma jimmaġinawx lill-Professur Scicluna jħabbat bieb bieb għall-voti. Għal dan il-kumment, jirreaġixxi b'dan il-mod:

"Jien bniedem soċjevoli u meta nitkellem man-nies, bħal batterija. Jiċċarġjawni u jagħtuni l-enerġija. Żgur li l-ebda ktieb ma jagħtik l-esperjenzi li jagħtik id-door to door."

Kull grad li jiltaqa' miegħu, mix-xogħol prekarju għall-aktar nies professjonali, jgħallmuh iħoss il-polz mal-ħaddiema differenti.

"Għaliex fil-baġit nitkellmu biss dwar tkabbir ekonomiku? Dan hu importanti. Imma l-ġid kif qed jitqassam? Jekk il-faqar jikber, m'għandux jiddaħħal fid-dokument tal-baġit? L-isfortuna tagħna, u din ngħidha b'serjetà kbira, hi li aħna m'għandniex budget document, għandna tliet dokumenti ġejjin minn żmien żemżem li meta tfittex ma ssibx dak id-dokument tal-baġit li jagħtik stampa dettaljata inkluża dik tal-faqar.

"Bħalissa n-nies inkwetati fuq in-nuqqas ta' dħul li għandhom in-nies. Aħna fl-aħħar 10 snin qlajna żewġ riċessjonijiet."

"Meta tara u tisma' l-wegħgħat u l-problemi jibqgħu f'moħħok. Din l-esperjenza tagħmlek aktar uman."

Imma ekonomista jista' qatt jibdel il-filosofija ta' kif jagħġen il-politika u l-figuri meta jitfa' subajh fuq il-ferita tan-nies?

"Jien nara d-differenza minni u minn ekonomisti oħra li huma aktar imwaħħla mal-ktieb, bookish. Huma jarawha mod u jien nara what matters."

Jorbot dan l-argument man-nuqqasijiet tal-Gvern Malti. Hemm bżonn li kollox jibda jdur mal-familja. Bejn figuri u ekonomija, jixref saff ta' kandidat uman. U jirrakkonta episodju li affettwah waqt iż-żjajjar li qed jagħmel fid-djar.

"Il-middle class iżżerżqet għall-klassi tal-ħaddiema li kienu fiha fil-passat remot. Din ħassewha speċjalment il-pensjonanti. Kulħadd jieħu gost jistieden it-tfal u n-neputijiet id-dar. Taf xi jweġġa' lill-pensjonanti?

"Kont Birkirkara u ltqajt ma' koppja bil-pensjoni ta' €430 fix-xahar. Tweġġagħhom li ma jistgħux jistiednu lit-tfal u lill-familja tagħhom għall-ikel nhar ta' Ħadd. Dawn familja li joqogħdu attenti. Taf kemm tweġġgħek tisma' din il-ħaġa? Hemm min għandu standard jixtri żarbun kull tlett xhur imma hemm min lanqas biss jista' jilħaq l-istandard li jixtru tiġieġa żejda u jistiednu t-tfal għall-ikel. Dawn in-nies qed iħossuhom foqra.

"Għalhekk fil-baġit nixtieq nibdew nitkellmu fuq dan il-faqar relattiv. Kif tqassam il-ġid? Il-ġid tqassam għall-aħjar?

Mill-intervista nieħu l-impressjoni ta' bniedem li qed jinżel f'livelli differenti u mhux neċessarjament it-triq li qatt kien jimmaġina li se jaqbad. Imma li fil-verità qed tħalli mpatt kbir fuqu personali.

"Coffee mornings għamilt, laħam taż-żiemel fil-każini kilt. Il-parti umana tal-politika sabiħa," iwieġeb.

Imma fuq id-distretti li hiereġ l-akbar kompetizzjoni mhux neċessarjamnt mill-kandidati Nazzjonalisti, imma minn kandidati tal-partit tiegħu stess…

Jidħak u jwieġeb bi tliet sentenzi qosra.

"Trid tiddeċiedi. Meta tiddeċiedi li toħroġ fil-politika jekk taqbeż fil-baħar, taqbeż biex tgħum. U tgħum biex tirbaħ."

> Żgur li l-ebda ktieb ma jagħtik l-esperjenzi li jagħtik id-door to door



Ritratt: RAY ATTARD